**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 3 ta' Novembru, 2016

Rikors Nru : 335/16 AL

**AB**
**vs**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

Illi l-partijiet izzewwgu fil-hamsa (5) ta' Dicembru tas-sena elf disgha mija u tmienja u disghin (1998) u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt' itfal, Nicole u Yasmine, li ghadhom minuri;

Illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Patricia Hall datat tnejn u ghoxrin (22) ta' Lulju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) (hawn anness u mmarkat bhala Dok "A") u dan wara li gew awtorizzatti permezz ta' digriet moghti mill-Onorabbli Qorti tal-Familja datat tlettax (13) ta' Lulju tas-sena elfejn u ghaxra (2010);

Illi l-ebda manteniment ma hu dovut mill-partijiet;

Illi ma hemm l-ebda lok ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi l-kundizzjonijiet kollha li kienu miftehmin u mnizzla fil-kuntratt ta' separazzjoni fuq imsemmi qieghdin jigu rrispettati miz-zewg partijiet;

Illi dawn il-fatti kif hawn fuq elenkati u kkonfermati fl-affidavit tal-esponenti, liema affidavit qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok "B", jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib ta' divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta);

Illi l-esponenti ghandha wkoll interess sabiex tirriverti ghall-kunjom xbubitha, u cioe ghall-kunjom Psaila.

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.
2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fiz-zmien li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tistabilixxi, jirregistra d-divorzju fir-Registru Pubbliku.
3. Tiddikjara li Mariella Briffa tirriverti ghall-kunjom xbubitha, cioe Psaila.
4. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fiz-zmien li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tistabilixxi, jirregistra l-bidla fil-kunjom tal-esponenti ghal kunjom xbubitha.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat, li permezz taghha jirrileva :

1. Illi preliminarjament l-esponenti jikkontendi illi huwa minnu li l-partijiet ilhom iktar minn erba' snin isseparati u li bejniethom m'hemm l-ebda cans ta' rikonciljazzjoni;
2. Illi effettivament l-esponenti jaqbel ukoll illi bhala stat ta' fatt m'hemmx arretrati ta' manteniment;
3. <u>Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jirrileva ili huwa moralment jopponi ghat-talba ta' martu ghad-divorzju, madanakollu legalment huwa jirrimetti ruhu a savju gudizzju ta' din il-Qorti u dan dment li r-rikorrenti tonora l-obbligi kollha kontratti minnha fil-kuntratt ta' separazzjoni</u>;
4. Illi finalment l-esponenti jopponi ghall-ispejjez tal-proceduri odjerni;

Tant ghandu x'jossottometti l-esponent f'dan l-istadju;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-18 ta' Lulju 2016;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Rat illi r-rikorrenti qeghda titlob sabiex tigi awtorizzata tirriverti ghal kunjom xbubita u cioe' Psaila. Il-Qorti tilqa' t-talba u tordna notifika ta' dan id-digriet lid-Direttur tar-Registru Pubbliku ghall-azzjoni mehtiega;

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-22 ta' Lulju 2010;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.